MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1284/2002

**Citaz Nru: 1284/02JA.**

**Spiridione Fenech.**

**-vs-**

**Noel u Doreen konjugi Agius.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2003, li bih l-attur ppremetta:

Illi l-attur huwa s-sid tal-fond ossia area bl-isem St. Joseph Our Lady of Mercy Street, Zejtun liema fond jinsab sottostante l-

fond tal-konvenuti Redeemer House, Our Lady of Mercy Steet, Zejtun; u

Illi mill-fond tal-atturi qed jipperkola ilma ghal gewwa l-fond tal-attur, bil-konsegwenza illi rrizultat hsara strutturali fis-saqaf tal-fond tal-attur, liema hsarat gew kkonstatati minn zewg Periti Arkitetti, li r-rapport taghhom qed jigi anness (Dok A u B); u

Illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, u dan anke kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi per konsegwenza tal-hsara li qed tigi kkawzata fil-fond, dan il-garage li kien mikri lil terzi persuni kellu jigi vvakat peress illi l-periklu illi s-saqaf jisfronda; u

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellai diversi drabi sabiex jaghmlu x-xoholijiet necessarji u jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur fil-fond tieghu, baqghu inadempjenti;

Jitlob ghalhekk lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal hsarat u danni sofferti mill-attur fil-fond proprjeta' tieghu, ossia fil-garage bl-isem St. Joseph, Our Lady of Mercy Street, Zejtun stante perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-konvenuti ghal gol-fond tal-attur.

2. Tillikwida d-danni sofferti minn l-attur, okkorrendo bl-opera ta' Perit nominadi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jaghmlu x-xogholijiet rimedjali necessarji fil-fond taghhom sabiex l-

attur ma’ jibqax isofri danni konsegwenza tal-perkolazzjoni ta’

ilma fil-fond tal-attur, u fin-nuqqas li jottemperaw ruhhom tawtorizza lill-attur jesegwixxi hu stess ix-xogholijiet rimedjali mehtiega a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, komprizi tal-ittri interpellatorji datati 11 t’ Ottubru, 2000, 1 ta’ Lulju, 2001 tal-ittra ufficjali 29 t’ Ottubru, 2001.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa mill-attur fit-13 ta’ Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti ma’ pprezentawx nota tal-eccezzjonijiet.

Semghet ix-xhieda u l-Avukat tal-attur.

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob danni u li jsiru xogholijiet rimedjali.

Kwantu ghal danni l-attur xehed li ma’ jistax jikri “*car spaces”* minhabba l-hsara u diga tilef b’ kemm jiswew tlett mija u sittin Lira Maltin (Lm360) kirjiet.

Rigwad ix-xoghol rimedjali xehed il-Perit Joseph Magro illi kkonferma il-kontenut tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni ta’ l-attur.

Ghaldaqstant il-Qorti, billi x-xhieda prodotti mhumiex kontradetti u jirrizultaw, tilqa’ t-talbiet attrici u :

**1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal hsarat u danni sofferit mill-attur fil-fond proprjeta’ tieghu, ossia fil-garage bl-isem St. Joseph, Our Lady of Mercy Street, Zejtun stante perkolazzjoni ta’ ilma mill-fond tal-konvenuti ghal gol-fond ta’ l-attur.**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghas-somma ta' tlett mija u sittin Lira Maltin (Lm360).**

**3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma msemmija ta' tlett mija u sittin Lira Maltin (Lm360) lill-attur.**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jaghmlu x-xogholijiet rimedjali necessarji fil-fond taghhom sabiex l-attur ma' jibqax isofri danni konsegwenza tal-perkolazzjoni ta' ilma fil-fond ta' l-attur liema xogholijiet ghandu jsir dejjem tahat is-supervizzjoni tal-Perit Arkitett Renato Laferla. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti, jigifieri kemm dawk tax-xogholijiet necessarji hawn fuq imsemmija, kif wkoll l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji u dik ufficjali.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------